**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**It-Tnejn 10 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (17.40 pm) |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (17.40 pm) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**12.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**12.01.01** Xejn

**12.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 10 u 11)**

**12.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Andrew Cassar u sekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina, il-minuti ta' seduti 10 u 11 ġew approvati unanimament.

**12.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**12.03.01** Xejn

**12.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**12.04.01** Xejn

**12.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**12.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri dwar Valletta road jekk l-aċċess għal wied hux disponibbli. Is-Sindku John Schembri wieġeb lill-Kunsillier Frederick Aquilina u qallu li dak il-wied jaqa' taħt l-Awtorita` għall-Ippjanar u allura jrid jivverika magħhom.

**12.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina informa lill-Kunsilliera preżenti li huwa attenda laqgħa tal-Awtorita` għall-Ippjanar dwar il-bini tat-tieni Skypark. Il-Kunsillier Frederick Aquilina spjega li dan il-proġett se jinkludi fih hotel u parkeġġi. Il-Kunsillier Frederick Aquilina kompla jispjega li huwa qed jistenna risposta dwar kemm se ningħataw fondi bħala Kunsill Lokali.

**12.05.03** Il-Kunsillier Matthew Spiteri informa lill-Kunsilliera preżenti li huwa qiegħed f'taħdidiet mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi, il-Marsa u St Venera, sabiex ikun organizzat tournament tal-futbol. Il-Kunsillier Matthew Spiteri kompla jgħid li l-kompetituri jridu jkun mil-lokalijiet rispettivi tagħhom u l-plejers għandhom ikunu bejn it-18 u l-21 sena. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

**12.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**12.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, wara li ddiskutiet mas-Sindku John Schembri, kien deċiż li meta l-Kunsill Lokali jorganizza attivitajiet kbar, jitqabbad organizzatur tal-esperjenza li jkun jista' jieħu ħsieb l-organizzazzjoni sħiħa tal-attivita`. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell.

**12.07 Korrispondenza**

**12.07.01** Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza minn resident li jgħix fi Triq Emanuele Luigi Galizia Street, triq li għadha kif saret dan l-aħħar. Ir-resident talab fl-ittra tiegħu

sabiex minflok continuous white line, għaliex ma tippermettilhomx jidħlu fir-residenza tagħhom u hi ta' periklu, sabiex dawn il-linji jkunu rranġati kif kienu qabel ma saret it-triq. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qed ikellem lil Transport Malta sabiex jara x'jista' jsir. Ir-resident ukoll qal li hemm bżonn li terġa' titwaħħal il-mera li kien hemm faċċata ta' din ir-residenza għaliex tiffaċilita` id-dħul u l-ħruġ minn din ir-residenza. Din il-mera kienet twaħħlet mill-Kunsill ftit xhur ilu iżda nqalgħet mill-kuntrattur meta bdew ix-xogħlijiet. Il-mera tinsab għand ir-resident u għalhekk is-Sindku John Schembri qal li din il-mera se terġa' titwaħħal fil-jiem li ġejjin.

## 12.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**12.08.01** Fuq nomina tal-Kunsillier Frederick Aquilina u ssekondata mill-Kunsillier Andrew Cassar, huma ippreżentaw mozzjoni dwar sejħa għall-impjieg għall-ħaddiem addizzjonali ġewwa l-Kunsill Lokali. Fil-mozzjoni tagħhom huma sostnew li x-xogħol fil-Kunsill żdied u jkun għaqli li jkun impjegat ħaddiem ieħor.

Il-Kunsilliera preżenti per prinċipju qablu imma minħabba l-finanzi jridu joqogħdu attenti. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ssuġġerixxa li bħala Kunsill titnaqqas l-ispiża minn x'imkien, sabiex il-Kunsill ikun jista' jaffordja jimpjega lil xi ħadd. Is-Sindku John Schembri qal li fil-jiem li ġejjin se jkun qiegħed jiddiskuti din is-sejħa mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell.

## 12.09 Skemi maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali 2025/2026

**12.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħareġ numru ta' Skemi għas-snin 2025/2026. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn l-Iskemi ntbagħatu f'żewġ partijiet. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li bħala Kunsill Lokali għandna nibbenifikaw minn dawn l-iskemi kollha u nagħmlu l-aħjar użu minnhom.

**12.09.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li għall-ewwel Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2025/2026, b'data tal-għeluq 18 ta' Marzu 2025 huwa ħaseb li bħala Kunsill għandna nippromwovu t-tradizzjonijiet Maltin. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tal-iskema hija li din l-attivita` ma tridx taħbat ma' lokalijiet oħra li qegħdin fir-reġjun tagħna.

Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li waqt din l-attivita` huwa ħaseb li jagħti spazju għall-artiġjanat, wirjiet agrarji, wine tatsting. Il-Kunsillier Anton Gatt ukoll enfasizza fuq il-promozzjoni ta' din l-attivita`.

## 12.10 Business Plan 2024-2028

**12.10.01** L-accountant tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa, is-Sur Joseph Piscopo li kien preżenti waqt din is-seduta ta rendikont tal-ħidma tal-Kunsill. Is-Sur Piscopo fassal il-Business Plan tiegħu fuq il-manifest elettorali ta' kif se jaħdem il-Kunsill Lokali fis-snin li ġejjin. Is-Sur Joseph Piscopo spjega li bħala proġetti kbar dawn se jkunu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Piscopo qal ukoll wieħed mill-proġetti kapitali huwa li hemm pjan li jitla' t-tieni sular ta' fejn hemm il-latrini ġodda u l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill Lokali.

## 12.11 Applikazzjoni tal-Padel Court

**12.11.01** Din l-applikazzjoni kienet diskussa fil-Laqgħa b'Urġenza Nru. 12.

## 12.12 Attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa

**12.12.01** Is-Sindku John Schembri qal li din is-sena z-zuntier tal-Knisja se jerġa' jimtela' b'xemgħat apposta għal din l-okkażjoni. Is-Sindku John Schembri qal li l-Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira se jkunu qed jiċċelebraw il-250 anniversarju meta beda l-kult tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri tenna li bħala Kunsill se nkunu qed ngħinu din l-Għaqda filwaqt li nagħtuhom rikonoxximent ferm mistħoqq lilhom.

**12.12.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ppropona li f'Ħamis ix-Xirka ċ-ċimiterju tal-Belt jinfetaħ għall-pubbliku.

## 12.13 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**12.13.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 12.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**12.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.45 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' April 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 9 ta' April 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |